# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, 5 t'April, 2001.

Kawza Nru. 38.
Citazz. Nru. 1662/00 JRM

**Harold u Hilda konjugi ELLUL sive ELLUL MERCER**

**vs**

**Id-DIRETTUR tar-REGISTU PUBBLIKU**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni mressaq fit-8 t'Awissu, 2000, li bih l-atturi ppremettew:

Illi l-attur Harold Ellul maghruf bhala Ellul Mercer twieled fis-13 ta’ Frar 1951, kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid tieghu numru ta’ Iskrizzjoni elf hames mija u erbgha u disghin tas-sena elf disa’ mija u wiehed u hamsin (1594/51), u kopja tal-istess Att tat-Twelid hija hawn annessa u mmarkata Dok A;

Illi l-atturi zzewgu fil-21 ta’ Ottubru 1976 kif jidher mill-Att taz-Zwieg numru ta’ Iskrizzjoni elfejn mitejn u tmienja u erbghin tas-sena elf disa’ mija u sitta u sebghin (2248/76), u kopja tal-istess Att taz-Zwieg hija hawn annessa u mmarkata Dok B;

Illi l-familja tal-attur, inkluz hut u missier l-attur, kienu konsistentement maghrufa bil-kunjom “Ellul Mercer” u dana stante illi n-nannu patern tal-attur kellu l-kunjom Ellul filwaqt illi n-nanna paterna tieghu tal-istess l-attur kienet kunjomha xebba “Mercer” u dana kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, fic-certifikat tal-mewt tieghu, missier l-attur huwa mnizzel bhala Samuel Ellul Mercer, u kopja tal-istess certifikat tal-mewt tieghu huwa hawn anness u mmarkat Dokument C;

Illi l-attur minn dejjem kien maghruf bil-kunjom “Ellul Mercer” filwaqt illi l-attrici ilha maghrufa bil-kunjom “Ellul Mercer” minn mindu zzewgu l-atturi u cioe mis-1976, u dana fl-atti kollha tal-hajja civili, inkluza l-karta tal identita’ taghhom li kopja taghhom hija hawn annessa u mmarkata Dokument D u E rispettivament;

Illi l-fatt illi l-kunjom “Ellul Mercer” li biha l-atturi huma maghrufin u li huwa l-kunjom tal-familja tal-attur ma jikkombacjax mal-kunjom riprodott fl-Att tat-Twelid (Iskrizzjoni 1594/51) u fl-Att taz-Zwieg (Iskrizzjoni Nru 2248/76), u dan qieghed jikkawza inkonvenjent lill-atturi kemm fil-hajja privata taghhom kif ukoll f’dik pubblika, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi hemm bzonn li fil-kolonna tal-Att tat-Twelid (Iskrizzjoni Nru 1594/51) "Isem u Kunjom" b'riferenza ghall-missier it-tarbija, jizdied il-kunjom "Mercer" wara l-kunjom "Ellul" biex b'hekk missier it-tarbija jigi ndikat bhala "Samuel Ellul Mercer" kif fil-fatt kien maghruf f'hajtu, filwaqt illi, ghall-istess ragunijiet, omm l-attur tigi indikata bhala mart l-istess Samuel Ellul Mercer;

Illi hemm bzonn ukoll li fl-Att taz-Zwieg (Iskrizzjoni Nru 2248/76) fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'riferenza ghar-ragel, isem u kunjom l-attur jigi ndikat bhala "Harold Ellul Mercer", filwaqt illi fil-kolonna "Missirijiet u ommijiet l-gharajjes" b'riferenza ghall-missier ir-ragel, dana jigi ndikat bhala "Samuel Ellul Mercer";

Illi l-atturi jixtiequ jirregolaw il-posizzjoni taghhom u jeffetwaw t-tibdil necessarju sabiex l-atti ufficjali taghhom kolha jirriflettu l-kunjom li bih huma maghrufa;

Illi l-ligi ttihom din il-fakulta a tenur tal-Artiklu 253(1) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Ghalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tordna a tenur tal-Artiklu 253 (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) illi l-Att tat-Twelid iskritt fir-Registru Pubbliku bin-Numru 1594/51 jigi korrett fis-sens illi, fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'riferenza ghall-genituri tat-tarbija, jizdied il-kunjom "Mercer" wara l-kunjom "Ellul" biex b'hekk missier it-tarbija jigi ndikat bhala "Samuel Ellul Mercer" u omm it-tarbija tigi indikata bhala "Amelia wife of the said Samuel Ellul Mercer";

2. Tordna a tenur tal-Artiklu 253 (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) illi l-Att taz-Zwieg iskritt fir-Registru Pubbliku bin-numru 2248/76 jigi korrett fis-sens illi, fl-ewwel lok, fil-kolonna

“Isem u Kunjom” b’riferenza ghar-ragel, l-isem u kunjom “Harold Ellul known as Ellul Mercer” jigi sostitwit bl-isem u kunjom “Harold Ellul Mercer”, filwaqt illi, fit-tieni lok, fil-kolonna “Missirijiet u ommijiet l-gharajjes” b’riferena ghall-missier ir-ragel, l-isem “Samuel Ellul” jigi sostitwit bl-isem “Samuel Ellul Mercer”;

3. Tordna illi dan it-tibdil jigi rifless fl-atti kollha tal-hajja civili tal-atturi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni tieghu;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi flimkien mat-tmien (8) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat in-Nota tal-konvenut imressqa fis-17 t’Ottubru, 2000, li biha eccepixxa:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif dikjarati fic-citazzjoni odjerna u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghall-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-atti in kwistjoni mhuwhiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-xiehda tal-konvenut;

Semghet ix-xhieda tal-atturi u rat il-provi dokumentali mressqin minnu waqt is-smigh tal-kawza;

Semghet lill-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Avviz pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ghall-finijiet tal-artikolu 254 tal-Kodici Civili, ghal liema avviz ma tressqet l-ebda kontestazzjoni fiz-zmien stabilit mil-ligi;

Rat id-Degriet taghha tat-28 ta’ Frar, 2001, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi din il-kawza saret biex isir bdil fl-Att tat-Twelid tal-attur u wkoll fl-Att taz-Zwieg tieghu, fejn jirrigwarda kunjom missieru, u, b’effett ta’ hekk, kunjomu wkoll;

Illi l-attur qieghed jghid li kunjom missieru m’huwiex “Ellul”, izda “Ellul Mercer”, u biex isahhah dan il-fatt, ressaq b’xhieda provi dokumentali, whud minnhom konsistenti f’atti ta’ stat civili [per ezempju Dok “C” f’pagna 8 tal-process] jew dokumenti ohrajn ufficjali [ara Dokti “D”, “E” u “F” f’pagni 9 sa 11];

Illi, minbarra dan, ressaq provi li juru li l-familja paterna tieghu, u mhux biss missieru, ilhom minn zmien twil maghrufa bil-kunjom Ellul Mercer;

Illi l-atturi sahhew ir-rgauni tat-talbiet taghhom ukoll bil-fatt li n-nuqqas ta’ qbil bejn il-kunjom tal-familja li huma maghrufa bih u l-kunjom muri fl-Atti ta’ Stat Civili mertu ta’ din il-kawza, qieghed joholqilhom inkonvenjent kontinwu u pregudizzju li ma jistax jibqa’ ma jsir xejn dwarhom;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-bidla f'Atti ta' Stat Civili hija mahsuba mil-ligi kemm ghall-beneficcju tal-persuna koncernata, u kif ukoll fl-interess tat-terzi, u hija f'dawn il-limiti li l-legislatur ried li l-Qorti tqis talbet ghat-tiswija jew annotazzjonijiet f'atti bhal dawn;

Illi t-talba ta' zieda f'kunjom ta' persuna ma' dak li huwa l-kunjom muri fl-Att tat-Twelid tieghu mhux minn dejjem intlaqghet b'herqa mill-Qrati. L-ewwelnett, ghaliex fl-Att tat-Twelid ta' persuna, qatt ma jkun hemm il-kunjom tat-tarbija, imma (kaz ta' wild legittimu) l-kunjom tal-missier. Fit-tieni lok, ghaliex meta ssir talba ghal zieda ta' kunjom iehor, dan ma jkunx normalment frott ta' zball, u ghalhekk, il-ligi (billi titkellem dwar "korrezzjoni jew thassir") ma tkunx tippermetti li talba bhal dik tista tintlaqa' [ara sentenza tal-**14 ta' Dicembru, 1927** fil-kawza fl-ismijiet <u>*Skee vs Cremona nomine*</u> (Kollez. Voll: **XXVI.ii.521)**];

Illi, madankollu, minhabba li l-bdil fl-Atti ta' Stat Civili jolqot ukoll lil terzi persuni, il-Qrati taghna fissru li ghalkemm il-ligi ma tqisx iz-zieda jew il-bdil ta' kunjom l-attur bhala zball, ma tistax tinjora ghal kollox talba bhal din, specjalment fejn il-kunjom ikun inbidel taht xi sistema jew ordinament guridiku iehor. F'dan il-kaz, ukoll fl-interess tat-terzi, il-Qrati laqghu talbiet ghal annotazzjonijiet fl-imsemmija atti bil-hsieb li jirriflettu bidliet bhal dawn [ara sentenza tal-**31 t'Ottubru, 1930**, fil-kawza fl-ismijiet <u>*McLean gia Abdillah vs Cremona nomine*</u> (Kollez. Vol: **XXVII.ii.305**)];

Illi, ghalhekk, talba tista' tirnexxi mhux fuq il-basi ta' zball fl-att izda fuq il-basi ta' taghrif izjed shih dwar il-persuna [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-**2 ta' Marzu,1994**, fil-kawza fl-ismijiet <u>*John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku*</u>, li ttrattat il-kwestjoni doppja ta' ismijiet u ta' kunjom doppju];

Illi, f'din il-kawza, l-atturi qaghdu attenti hafna li fl-ebda waqt, la fil-premessi u lanqas fit-talbiet, ma jghidu li l-bidliet li qeghdin jitolbu li jsiru huma l-frott ta' zball, u ghalhekk, ukoll fid-dawl tas-sentenza appena msemmija, it-talba taghhom tista' tigi meqjusa;

Illi, madankollu, mill-provi mressqin, u li diga' ssemmew aktar 'il quddiem, fil-kaz presenti, il-kwestjoni ta' kunjom l-attur toqrob hafna lejn kaz ta'zball. Dan jinghad ghaliex l-gharfien tal-familja ta' missier l-attur bhala Ellul Mercer hija cirkostanza li ilha stabilita zmien twil;

Illi, kemm hu hekk, dan jinsab rifless fl-Att tal-Mewt ta' missier l-attur, u f'dokumenti qodma (ara, per ezempju, Dok "HEM1" u Dok "HEM4" f'pagni 24 u27 tal-process) li pprecedew sahansitra ttwelid tal-attur li sehh fl-1951, u li, ghalhekk, kienu cirkostanzi esistenti qabel ma sar l-Att tat-Twelid tieghu;

Illi dan li nghad dwar ic-cirkostanzi tal-Att tat-Twelid tal-attur, jinghad b'izjed sahha fil-kaz tal-Att taz-Zwieg tieghu liema cirkostanza sehhet fl-1976;

Illi, fil-kaz presenti, l-Qorti tqis ukoll li l-pregdizzju lamentat mill-atturi mahluq mill-inkompatibilita' tar-rejalta' ta' kunjomhom u l-formalita' murija fl-atti li taghhom qeghdin jitolbu l-bidla, m'huwiex wiehed fieragh. It-tnejn li huma wrew li ghandhom impenji fil-hajja pubblika tali li tlaqqagghom il-hin kollu ma' ghadd ta' cirkostanzi fejn ic-certezza tal-identita' taghhom hija essenzjali;

Illi, min-naha tieghu, il-konvenut ma opponiex ghat-talba;

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li l-Qorti ghadha kemm ghamlet, hija tqis li t-talbiet attrici jisthoqqilhom jigu milqugha, ghalkemm ghandu jinghad li minhabba li kien missier l-attur innifsu li rregistra t-twelid u ffirma l-Att tat-Twelid originali, kien fid-dmir tieghu jara u jifli sewwa dak id-dokument qabel iffirmah. L-istess missier l-attur iffirma wkoll bil-kunjom Ellul biss.

Ghalhekk, il-Qorti ssib li ma giex muri b'mod sufficjenti li l-izball kien jahti ghalih il-konvenut;

Ghalhekk, il-Qorti qeghda tiddeciedi din il-kawza billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attrici**, billi tiddikjara li fl-Att tat-Twelid tal-attur numru 1594 tal-1951 issir il-bidla fis-sens illi, that il-kolonna "Isem u Kunjom" relattiv ghall-genituri tal-attur, wara l-kelma "Ellul" imissha tizdied il-kelma "Mercer";

**Tilqa' t-tieni talba** billi fl-Att taz-Zwieg tal-atturi numru 2248 tal-1976, taht il-kolonna "Isem u kunjom" relattiv ghar-Ragel, il-kliem "Ellul known as" jitnehhew; u fil-kolonna "Missirijiet u Ommijiet l-Gharajjes: L-isem u l- kunjom, jekk hajjin jew mejtin", wara l-kelma "Ellul" b'riferenza ghal missier l-attur, tizdied il-kelma "Mercer";

**Tilqa' t-tielet talba u tordna** li ssir il-bidla tal-imsemmija atti kif imfisser f'din is-sentenza;

Tordna, ghall-finijiet tal-artikolu 256 tal-Kodici Civili, li l-konvenut jigi notifikat b'kopja vera ta' din is-sentenza u li, fiz-zmien imsemmi minn dak l-artikolu, jaghmel it-tibdiliet ordnati bis-sahha ta' din is-sentenza fl-imsemmija Att tat-Twelid u Att taz-Zwieg;u

Billi ma tweriex li l-konvenut jahti ghall-izball indikat, tordna li l-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-atturi.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

*5 t'April, 2001.*

**5 t'April, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**5 t'April, 2001.**